# MRO. FILIPPO CIAPPARA (1888-1960)



Fost is-Surmastrijiet li ħabbew u qdew minn qalbhom lis-Soċjetà Filarmonika Duke of Connaught u taw sehemhom biex din il-Banda tikseb ad unur ta' beltna l-prestiġju li llum għandha, ta' min isemmi wkoll lil Mro. Filippo Ciappara. Illum bosta miż-żgħażagħ jilmħu biss ir-ritratt tiegħu fil-każin li b'sodisfazzjon kbir tiegħi, tant nieħu gost bih u napprezza meta kultant ikolli għax inżur is-sala tal-każin.

Iben Ġużeppi u Carmela neè Vassallo twieled Birkirkara fis-27 ta' Ottubru 1988 u ġie mgħammed mill-Prepostu Mikiel Fenech il-jum ta' wara. Ġie mogħti l-ismijiet ta' Filippu, Simeon, Alfonso,Mario, Tumas u Salvu. Flimkien ma' ħuh Mike u ħutu bniet Esther u Vincenza, omm in-Nutar Joseph Gatt, hu trabba fl-għożża tal-familja u fil-biża' t'Alla. Fl-età żgħira tiegħu beda jistudja wkoll il-mużika għand is-Surmast Pawlu Debono bħala bandist tas-Sax Horn. Fl-1905, Piju, kif kien magħruf, daħal bħala bandsman fil-R.M.A., dak iż–żmien taħt Bandmaster George Handren. Fil-25 ta' Novembru 1911, Piju żżewweġ lil Katerina neè Borg u fl-1912 emigra l-Kanada. Wara sentejn ingħaqad mal-armata kanadiża. Bħala membru tal-Kontinġent Kanadiż hu ħa sehem fil-kumbattimenti li saru fi Franza u fil-Belġju matul l-ewwel gwerra dinjija. Naturalment hu ma naqasx li jieħu sehem bl-euphonium fil-Banda tar-Reġiment. Wara tmiem din il-gwerra dinjija hu rritorna Malta. Hu ġie mitlub li jdoqq mal-Banda Duke of Connaught, li dak iż-żmien kienet taħt it-tmexxija għaqlija ta' Mro. Vincenzo Costa.

F'dan l-intervall Piju kellu ħin jistudja l-armonija, is-suġġett predilett tiegħu. Minħabba l-impenn u l-interess tiegħu kif ukoll minħabba l-kapaċità tiegħu fid-daqq tat-trumbun cantabile, Piju ġie mitlub li jdoqq ma' diversi baned ta' Malta fosthom il-King's Own taħt Mro. Doncich. Piju kien ukoll idoqq l-istrument fl-orkestra tat-Tijatru Rjal, mingħajr ma naqqas l-imħabba u l-interess lejn il-banda ta' art twelidu. Piju kien l-assistent ta' Vinc. Costa u sar is-suċċessur tiegħu wara mewtu. Kienet dik il-ħabta meta kienet qed issir il-bidla tas-sede tas-Soċjetà għal Valley Road.

Kemm Piju mexxa din il-Banda f'diversi okkażjonijiet f'B'kara kif ukoll barra B'kara, jixduh ir-records li hemm fil-każin u xi soċi anzjani li għad fadal. Dak iż–żmien il-festi esterni reliġjużi ġo B'kara kienu sospiżi bi

żvantaġġ għal aktar parteċipazzjoni attiva tal-banda f'okkażjonijiet bħal dawn. Iżda ma naqsux opportunitajiet li fihom il-banda setgħet tieħu sehem e.g. il-karnival u festi oħra popolari. Il-kuntatti li kellu ma' diversi mużiċisti ta-kalibru, l-imħabba u l-istudju ta' l-armonija, għenuh ħafna fil-kontribut mużikali tiegħu. Piju hu l-awtur tal-Preludju Mużikali kif ukoll ta' diversi marċi sinfoniċi, biex ma nsemmux id-diversi traskrizzjonijiet u xogħol ta' partituri u kupjar ta' mużika fi żmien meta kollox kien isir bl-idejn. Dan ix-xogħol kollu hu għaddih bħala donazzjoni lill-Arkivju taś-Soċjetà (kif jirriżulta minn records datati 2 ta' Ġunju 1947). Dan hu konservat b'tant għożża u jiġi konsultat skond il-ħtieġa. Meta kellu jirtira mill-kariga ta' Surmast, il-Kumitat b'rikonoxxenza ġentilment offrielu temporanjament għotja nominali fix-xahar (deċiżjoni meħuda fis-seduta tal-5 ta' Lulju 1947).

Piju ddedika perijodu tassew twil minn ħajtu għall-mużika. Kellu bħala assistent tiegħu u għalliem ta' allievi lil Mro Carmelo Briffa. Bħala karattru, Piju kien ġentlom ħafna, xejn kburi, bniedem reliġjuż, dħuli u jispiralek fiduċja. Piju ħalla din id-dinja mhux fil-kariga ta' Surmast, nhar il-Ġimgħa 19 ta' Frar 1960.

Fil-funeral tiegħu, mill-Knisja ta' San Pawl għall-Bażilika, barra 'l ftit familjari tiegħu, ħa sehem ukoll ir-Rev.mu Kapitlu Elenjan.

**a.m.b.**


Spoons

HOUSEHOLD
&
GIFTWARE




ENGAGEMENTS & WEDDINGS

**73, St. Trophimus Street, Sliema – Tel: 318662**

*(Near Sacro Cuor Church)*

**88A, Naxxar Road, Balzan – Tel: 486361**